**STUDJI SOĊJALI**
**SKEMA TA' MARKI**

**Taqsima A ;** Tweġibiet

| | |
|---|---|
| 1 | imexxi l-grupp |
| 2 | titgħallem taċċetta l-opinjoni tal-membri tal-grupp |
| 3 | aktar minn rwol wieħed |
| 4 | Tmintax-il sena |
| 5 | l-Parlament Malti |
| 6 | jivvota għad-deputati |

**--------------------------------**

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba – Total 6 marki**

**Taqsima B** ; It-tweġibiet għandhom ikunu f'din l-ordni

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | 3 | 4 | 1 | 2 | 7 | 6 | 9 | 8 |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba - Total 8 marki**
**----------------------------------**

**Taqsima C**

**(i)**

| Mistoqsija | Twegiba |
|---|---|
| 1 | Falz |
| 2 | Veru |
| 3 | Falz |
| 4 | Veru |
| 5 | Veru |
| 6 | Veru |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba - Total 6 marki**

**(ii)** Il-kandidati għandhom jiktbu l-isem jew in-numru tal-postijiet imsemmija fl-eżerċizzju biex juri li jafu fejn jinsabu.




**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba: Total 6 marki**.

**(Total 12 –il marka)**

**-----------------------------------**

**Taqsima D :** In-numri li juru t-tweġibiet it-tajba għandhom ikunu f'din l-ordni.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 8 | 6 | 7 | 1 | 9 | 10 | 5 | 3 | 2 |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba –Total 10 marki**

**-------------------------------------**

**Taqsima E :**

**(i)**

a. Il-kandidati għandhom isemmu żewġ pajjiżi tal-Mediterran li jagħmlu parti mill-kontinent Afrikan bħat-Tuneżija, il-Marokk, l-Alġerija, l-Eġittu u l-Libja. **(1 x 2 = 2 marki)**

b. Il-kandidati għandhom isemmu żewġ pajjiżi tal-Mediterran li jagħmlu parti mill-kontinent Ewropew bħal Spanja, Franza, l-Italja, is-Slovenja, il-Kroazja, il-Montenegro, l-Albanija, il-Greċja, it-Turkija, il-Bosnia-Herzegovina, Malta u Ċipru. Aċċetta wkoll Portugal u Serbia. **(1 x 2 = 2 marki)**

c. Il-kandidati għandhom isemmu żewġ gżejjer, barra dawk Maltin, li jinsabu fil-Baħar Mediterran bħal Ċipru, il-Gżejjer Balearići, Korsika, Sardenja, Sqallija u Kreta. **(1 x 2 = 2 marki)**

**(ii)** Il-kandidati għandhom jiktbu l-ismijiet jew in-numri tal-pajjiżi u l-gżejjer li jkunu kitbu fl-ewwel parti ta' dan l-eżerċizzju biex juru fejn jinsabu.






**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba - Total 6 marki**.

**(Total: 12-il marka)**

**--------------------------------**

**Taqsima F :** Tweġibiet

| Numru | Tweġiba |
|---|---|
| 1 | San Pawl |
| 2 | Ix-xini tiegħu għereq meta kien sejjer Ruma biex jidher quddiem is-Senat Ruman |
| 3 | San Pawl il-Baħar (aċċetta tal-Għasselin) |
| 4 | Din issemmiet hekk biex tfakkar fil-ġrajja ta' kif Pawlu ġie migdum mill-lifgħa. |
| 5 | L-ewwel qalu li kien xi qattiel għax għad li ħelisha mill-għarqa il-ħaqq ma ħalliehx jgħix u wara qalu li kien xi alla. (It-tweġiba hijha tajba jekk jissemma ħsieb wieħed biss minn dawn.) |
| 6 | Dam madwar tliet xhur. |
| 7 | Hu seta' jagħmel dan għax kien hawn Malta ma San Pawl. |
| 8 | Ir-Rumani |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba -Total 8 marki**

**-----------------------------------**

**Taqsima Ġ :** Tweġibiet

| Numru | Twegiba |
|---|---|
| 1.a. | Fil-maqdes, tempju megalitiku /neolitiku, fit-tempju ta’ Ħal Tarxien |
| b. | Se joqtol il-mogħża b’sagrifiċċju fil-maqdes |
| ċ. | Ħal Tarxien, Kordin, Mnajdra, Ħaġar Qim, ta’ Ħaġrat, Ġgantija u oħrajn |
| 2a. | Malta kienet f’idejn l-Ingliżi li kienu fil-gwerra mal-Ġermanja u l-Italja. |
| b. | Bini mġarraf, imwiet, korrimenti, nies bil-guħ, biża’, nuqqas ta’ xogħol u oħrajn |
| ċ | Malta ngħatat *il-George Cross* għal qlubija li wriet fil-gwerra. |
| d | Għax waslu l-ikel u ż-żejt li kienu importanti ħafna għalina f’dak iż-żmien ta’ l-għaks. |
| 3a. | Is-*Sette Giugno* jew 7 ta’ Ġunju |
| b. | Jum ir-Repubblika jew 13 ta’ Diċembru |
| Ċ. | Il-Vitorja jew it-8 ta’ Settembru |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba - Total 10 marki**.

---------------------------------

**Taqsima G :** Xi idejat li jistgħu jsemmu l-kandidati huma:

| | |
|---|---|
| 1 | Insaqsihom fuq il-pajjiż tagħhom.<br>Nistedinhom id-dar<br>Nilgħab magħhom fil-brejk<br>Naqsam l-affarijiet magħhom<br>Nurihom solidarjetà. |
| 2 | Li ma tistax tgħaddi dejjem tiegħek.<br>Li trid tirrispetta l-opinjoni ta’ ħaddieħor.<br>Li trid taqsam l-opinjoni tiegħek ma’ ħaddieħor. |
| 3 | Jibgħat *leaflets*.<br>Imur fid-djar jitkellem man-nies.<br>Jistedinhom f’ċentri fejn ikun jista’ jiltaqa’magħhom. |

**Fuq kull sitwazzjoni li jridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom il-kandidati jingħataw żewġ marki, marka għal kull ideja tajba sa tnejn. It-total ta’ marki għal din it-taqsima hu għalhekk ta’ 6 marki.**

--------------------------------

**Taqsima GĦ :** Tweġibiet:

| |
|---|
| 1. L-ewwel saff li ssawwar huwa dak taż-Żonqor. (Qawwi t'Isfel).<br>2. Il-Franka hija ġebla ratba u mhux difficli biex tinqata' u tinħadem, iżda fl-istess ħin b'saħħitha biżżejjed biex nibnu biha.<br>3. Dan il-fuħħar kien jinġieb mit-tafli. (Il-fuħħar huwa tafal moħmi ġewwa forn jaħraq).<br>4. Dan huwa l-blat tal-Qawwi kemm ta' Fuq kif ukoll il-Qawwi t'Isfel (Żonqor).<br>5. Il-blat ta' Malta fforma taħt il-baħar.<br>6. Il-blat tal-Gżejjer Maltin jissejjaħ sedimentarju għax hu magħmul minn frak u qxur ta' ħlejjaq tal-baħar li mal-medda taż-żmien, bil-pressa u bit-toqol tiegħu stess, għaqad u bbies u fforma blat ġdid. |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba – Total 6 marki**.

------------------------------

**Taqsima Ħ**

| | |
|---|---|
| 1 | Tliet raġunijiet minn dawn<br>• Iżommna 'l bogħod mill-vizzji<br>• Nitgħallmu naqsmu u nifirħu flimkien<br>• Nitgħallmu norganizzaw il-ħin<br>• Nagħmlu ħbieb ġodda<br>• Nużaw il-kapaċitajiet tagħna<br>**(1 x 3 = 3 marki)** |
| 2 | Xi wieħed/waħda minn dawn: L-għalliema –guidance, il-kap ta' l-iskola jew xi *counsellor* **(marka)** |
| 3 | Skola sekondarja (aċċetta Kulleġġ) **(marka)** |
| 4 | 16- il sena **(marka)** |
| 5 | Xi ħsibijiet li l-istudenti għandhom isemmu huma:<br>• Biex isib xogħol tajjeb<br>• Biex jiżviluppa lilu/ha nnifsu/ha<br>• Minħabba l-kompetizzjoni<br>• Jitgħallem il-ħiliet li hemm bżonn għall-ħajja.<br>**(Marka għal kull ħsieb tajjeb sa erba' marki)** |

**(Total 10 marki)**

----------------------------------

**Taqsima H :** Xi idejat li jistgħu jissemmew huma :

| | |
|---|---|
| 1. | • Il-bdiewa jbiegħu l-prodotti tagħhom fil-pitkali.<br>• Il-bdiewa jistgħu wkoll jesportaw il-prodott tagħhom.<br>• Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali u L-Ambjent jara li l-bdiewa Maltin u Għawdxin jieħdu prezz xieraq għall-prodotti li jkabbru.<br>• Ta' kull sena jiġu esportati kwantitajiet kbar ta' basal u patata lejn l-Ingilterra u l-Olanda.<br>• F'Malta hawn ukoll fabbriki li jixtru l-prodotti agrikoli bħat-tadam u wara jesportaw laned tat-tadam imqatta', kunserva, u zalza lesta. |

| | |
|---|---|
| 2. | • Biex il-ħaddiema fil-fabbriki jaħdmu prodott, ikun x'ikun, għandhom bżonn il-materja prima.<br>• F'Malta ftit li xejn għandna materja prima.<br>• F'Malta għandna l-melħ, il-ġebel, xi ħxejjex u xi annimali.<br>• Il-fabbriki għandhom bżonn ħafna izjed materja prima milli għandna f'Malta.<br>• Il-fabbriki Maltin ikollhom jimportaw il-biċċa l-kbira tal-materja prima.<br>• Il-materja prima tasal Malta l-aktar bil-vapuri.<br>• Eżempju ta' materja prima huwa l-injam biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu s-siġġijiet. |
| 3. | • Il-*Bring-in-Sites* saru biex ir-riċiklaġġ ikun possibli.<br>• Fid-dar stess l-iskart għandu jinġabar separat.<br>• Meta jkollna ammonti mhux ħazin ta' karti, ħġieġ, plastik u metalli, nieħduhom f'waħda mill-*bring-in-sites* fil-lokalitajiet fejn ngħixu.<br>• Huwa importanti li l-affarijiet li nieħdu fil-*bring-in-sites* ikunu nodfa.<br>• Fil- *bring-in-site* ikun hemm erba' kontenituri.<br>• Aħna għandna npoġġu l-iskart tagħna fil-kontenitur it-tajjeb.<br>• Qatt m'għandna nħallu skart madwar il-kontenituri għax b'hekk inkunu qed nagħtu dehra kehra lill-lokalità fejn ngħixu.<br>• Mill-materjal li aħna nieħdu fil-*bring-in-sites* isiru prodotti tajbin għall-użu. |

**Jingħataw żewġ marki għal kull tema li jiktbu fuqha, marka għal kull ideja tajba sa tnejn. It-total ta' marki għal din it-taqsima hu għalhekk ta' 2 x 3 = 6 marki.**

----------------------------------

**Taqsima I :** Il-kandidati għandhom jiktbu sitt sentenzi biex bihom jempatizzaw kif setgħet kienet is-sitwazzjoni wara l-waqgħa tal-Forti Sant'Iermu f'idejn it-Torok sa tmiem l-Assedju. Huma għandhom jikkummentaw fuq x'setgħu raw u x'setgħu ħassew.

| |
|---|
| Punti li jistgħu jissemmem huma:<br>• Rajt bandiera Torka fuq Sant'Iermu.<br>• It-Torok daħħlu l-flotta tagħhom fil-port ta' Marsamxett.<br>• L-għada, f'jum San Ġwann ma stajniex nifirħu.<br>• Kien hawn għawġ u biza' kbir fuqna.<br>• It-Torok ġew mill-Marsa, armaw u mmiraw il-kanuni tagħhom lejn il-Birgu u l-Isla.<br>• Batejna l-ġuħ għax ftit kellna ikel.<br>• Kien hemm ġlied aħrax għal xahrejn u nofs.<br>• Kulħadd iġġieled u sofra bi qlubija kbira.<br>• Ħafna Torok u Nsara mietu.<br>• Kemm bżajt meta t-Torok sparaw għal fuqna bil-kanuni li poġġew fuq l-għoljiet ta' Santa Margerita u tas-Salvatur!<br>• Kellna moħħna mistrieħ li t-Torok ma setgħux iħaffru mini biex jidħlu fil-Birgu għax taħt is-swar hemm blat żonqri u iebes.<br>• Kemm tlabna biex ma jkollniex ħsara u biex tasal l-għajnuna minn Sqallija!<br>• Kemm fraħna meta smajna li waslet l-għajnuna!<br>• Il-qniepen tal-knisja bdew idoqqu biex iħabbru li t-Torok kienu sejrin lura lejn pajjiżhom.<br>• Punti oħra validi. |

**Tingħata marka għal kull punt validu sa massimu ta' sitt marki.**

-----------------------------------